MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1046/2005/1

**Coleiro Yacht Finishes Limited (C-7539)**

**v.**

**Easysell (Kia) Malta Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fit-3 ta’ Novembru 2005, li taqra hekk:

“Peress illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ sebat elef, mitejn u zewg Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm7,202.16), ammont rapprezentanti

bilanc fuq hlas dovut *inter alia* ghal xoghol ta' applikazzjoni ta' *floor coating* effettwat fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, skont kif jirrizulta mill-*invoice* li kopja tieghu jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;

"Peress illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja li giet diversi drabi interpellata sabiex taghmel dan, anke permezz ta' ittra legali datata 4 ta' Frar 2005;

"Peress illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tal-istess.

"Peress illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

"1. Tikkundannaha illi thallas lis-socjeta` attrici, l-ammont ta' sebat elef mitejn u zewg Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm7,202.16), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas dovut *inter alia* ghal xoghol ta' applikazzjoni ta' *floor coating*, lilha dovuta kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Frar 2005 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-Numru 1725/05 li qed jigi pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat li b'digriet moghti fil-31 ta' Jannar 2006, l-ewwel Qorti tat il-fakolta` lis-socjeta` konvenuta tikkontesta t-talba attrici u tressaq l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

“Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ta’ applikazzjoni ta’ *floor coating* li s-socjeta` attrici giet imqabbda taghmel sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2009, li in forza taghha cahdet it-talba tas-socjeta` attrici li giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-fatti relevanti huma dawn:

“Is-soċjetà konvenuta qabbdet lil dik attriċi tiksilha art tal-*concrete* ta’ *garage* bi *floor coating application* li hija forma ta’ resina maħsuba biex lill-art tagħtiha wiċċ lixx u unit (“*seamless*”) li ma jżommx trabijiet u żjut u li jitnaddaf faċilment.

“Biex għamlet dan ix-xogħol, billi l-art kienet miksija bi żjut, l-attriċi l-ewwel naddfet l-art b’kimika u bi fwar (“*steam cleaning*”) u b’ilma taħt pressa (“*power washing*”), u mbagħad qiegħdet il-kisi fuq l-art imnaddfa. Mill-*invoice* maħruġ mill-attriċi[1] jidher illi l-ftehim kien illi jingħata kisi eħxen minn dak normali.

“Ġara illi waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol ta’ tqegħid il-kisi f’partijiet tal-*garage* fejn ix-xogħol kien tlesta beda jintefaħ qisu bi nfafet li kienu jinfaqgħu u jaqsmu l-kisi. Taħt dawn l-infafet kien jidher li nġabar xi ilma bi traċċi ta’ żejt. Biex tfittex li ssolvi dan il-problema l-attriċi, barra milli għamlet il-kisi mill-ġdid fejn kien infaqa’, għamlet ukoll

1 *Fol*. 5.

bħal toqob fl-art biex l-ilma jkollu mnejn joħroġ flok jinġema' taħt il-kisi u jonfħu.

"Il-konvenuta qiegħda tgħid illi x-xogħol sar ħażin għax l-attriċi qabel ma qiegħdet il-kisi ma ħallietx li jinxef sew l-ilma li bih naddfet l-art. Għalhekk il-kisi tqiegħed fuq art li ma kinitx preparata sew u kien għalhekk illi l-kisi qiegħed jintefaħ u jinfaqa'. L-attriċi min-naħa l-oħra tgħid illi l-ilma tiela' minn taħt l-art.

"Sabiex tikseb il-fehma ta' espert il-qorti b'dikriet tat-30 ta' Ġunju 2006 ħatret lill-A.I.Ċ. Godwin Abela bħala espert tekniku. Il-perit ħalef ir-rapport tiegħu fit-28 ta' Ġunju 2007 u wasal għal dawn il-konklużjonijiet:

"a) … … … l-element prinċipali kawża tal-ħsarat u l-qlugħ ta-*floor coating* in kwistjoni kienet il-preżenza ta' ilma taħt l-art tal-konkos li, qabel ma gie applikat il-*floor coating*, seta' jippermeja minn ġol-art tal-konkos u jaħrab jew jisfoga bħala *water vapour* mingħajr ma jikkawża ebda ħsara ħlief li jkun hemm prezenza ta' umdità elevata fl-ambjent in kwistjoni;

"b) … … … l-applikazzjoni tal-*floor coating* ikkrejat saff impermejabbli li minnu ma setax jgħaddi jew jisfoga l-ilma bil-konsegwenza li nħoloq element ta' pressjoni tal-ilma taħt il-wiċċ tal-art tant li eventwalment ikkawża l-qlugħ tal-istess *floor coating*;

"c) illi minhabba kif tpoġġiet l-art tal-konkos fuq materjal invellat u mhux fuq *graded material*, in-natura ta' tali materjal, it-topografija tas-sit u tal-arja kollha madwar is-sit, il-livell tal-art in kwistjoni in relazzjoni mal-livelli tal-artijiet tal-madwar u n-natura poruża tal-konkos, hi l-opinjoni tal-esponent li l-preżenza ta' ilma fis-sottoswol hu fattur permanenti kif hu permanenti l-fatt li tali ilma se jibqa' jippermeja minn ġo art tal-konkos li hu materjal poruż;

"d) … … … biex isir rimedju effettiv u permanenti jrid jinqala' kompletament il-*floor coating* li sar u titnaddaf l-art u … … … minflokk trid tintuża

applikazzjoni aktar adattata li ma tiffurmax wiċċ impermejabbli u li tipprovdi superfiċi adegwata għall-użu ġol-garaxx in kwistjoni; tali *waterborne coatings* jew *epoxies* jeżistu u huma aktar addatti għall-kundizzjonijiet simili fejn hemm preżenza permanenti ta' *water vapours*; dawn l-applikazzjonijiet normalment ikunu prodotti mingħajr *solvents*.

"Għandu jingħad ukoll illi qabel ma bdiet ix-xogħlijiet l-attriċi kejlet bi strument il-livell ta' umdità tal-art. Dwar dan xehed rappreżentant tad-dar barranija li mingħandha l-attriċi tikseb il-materjal tal-kisi, u qal hekk:

*""Il controllo di umidità fa parte delle procedure d'analisi per la scelta dei prodotti da utilizzare. Il sistema che è stato utilizzato come presidio e promotore dell'adesione è un sistema epossidico hydro disperso Rinol EPP240 che si usa appunto nelle condizioni di umidità relativa pare circa d'umidità relativa (sic) del 3.5% che corrisponde indicativamente nella tabella gialla dell'igrometro utilizzato durante la verifica delle condizioni di questa applicazione.*

*"Il rivestimento è stato scelto ed applicato correttamente in funzione di quanto verificato. … … … Penso che le condizioni d'umidità siano cambiate e peggiorate successivamente tale da creare questi distacchi dopo alcuni mesi. A prova di questo, la perizia della contra parte ha determinato che nell'Ottobre del 2006 e quindi dopo tre anni la umidità era molto piú alta e decisamente nella zona rossa dell'igrometro utilizzato.*[2]*"*

"Il-perizja *ex parte* tal-konvenuta msemmija fl-istqarrija ta' dan ix-xhud kienet saret wara li nqalgħu l-problemi, u sabet illi l-umdità f'fond ta' bejn tliet ċentimetri u nofs u sitt centimetri (3.5 - 6 cm) taħt il-wiċċ ta' l-art tvarja bejn għaxra punt tnejn fil-mija u tnax punt tnejn fil-mija (10.2 – 12.2%). Sabet ukoll illi "*the dampness and actual moisture content figures reveal that moisture/dampness decreases at depth*"[3].

---

2 *Affidavit* ta' Fabrizio Penati maħluf fit-28 ta' Frar 2008, *fol.* 104.

3 Rapport ta' *Harrison Malta Environmental Ltd*, *fol.* 84.

"Ir-raġuni għad-differenza fil-qari tal-attriċi, li sar qabel ma nbeda x-xogħol, u dak fil-perizja *ex parte*, li sar wara, tista' tkun għal waħda minn żewġ raġunijiet: (1) jew, kif tgħid l-attriċi, għax l-umdità żdiedet bejn qabel ma beda x-xogħol u waqt li kien għaddej; jew (2) għax il-kejl li sar mill-attriċi sar b'anqas reqqa mill-kejl li sar wara. Fil-fatt il-kejl li ħadet l-attriċi sar fuq il-wiċċ tal-art, waqt illi l-kejl tal-perizja *ex parte* sar wara li ttieħdu *core samples* biex titkejjel l-umdità taħt il-wiċċ tal-art.

"L-ewwel ipotesi – illi żdiedet l-umdità bejn meta sar l-ewwel kejl u meta sar it-tieni wieħed – jekk tassew ġara hekk x'aktarx illi ma kinitx għal raġunijiet naturali. Rajna illi kien wara żmien qasir ħafna – meta kien għadu għaddej ix-xogħol fuq partijiet oħra tal-*garage* – illi l-kisi beda jintefaħ u jinfaqa'. Dan jista' jkun indikazzjoni illi l-umdità żdiedet għax l-ilma li bih tnaddaf il-wiċċ bil-*power washing* u *steam cleaning* ma tnixxifx biżżejjed. Din l-ipotesi hija msaħħa bil-fatt illi aktar ma tinżel 'l isfel l-umdità tonqos, li x'aktarx ma kienx ikun il-każ li kieku l-umdità tiela' minn taħt l-art.

"F'dan il-kuntest huwa relevanti wkoll il-fatt illi f'partijiet tal-*garage* fejn ma kienx inġabar ħafna żejt u għalhekk ma kienx meħtieġ tindif bil-*power washing* u *steam cleaning* daqskemm kien meħtieġ f'partijiet oħra, il-ħsara kienet anqas. Dan ikompli jsaħħaħ l-ipotesi illi l-umdità ġejja mill-ilma tat-tindif.

"Madankollu, il-qorti ma tarax illi huwa meħtieġ li tasal għal konklużjoni dwar mnejn ġejja l-umdità, jekk hux minn taħt l-art jew mill-ilma tat-tindif li ma tħalliex jinxef biżżejjed, għax kemm f'każ u kemm f'ieħor is-soċjetà attriċi, fil-fehma tal-qorti, naqset.

"Jekk l-ilma ġej minn taħt l-art, dan l-ilma kien hemm ukoll qabel ma nbdew ix-xogħlijiet, u l-attriċi ma ntebħitx bih għax it-*tests* li għamlet kienu biss fuq il-wiċċ, u ma tteħdux *core samples* bħal ma ġara meta saret perizja *ex parte* mill-konvenuta. Billi għalhekk ma kellhiex qari sew ta' x'kien il-livell ta' umdità, l-attriċi applikat materjal għall-kisi

li ma kienx tajjeb għaċ-ċirkostanzi tal-post. Jekk, min-naħa l-oħra, l-umdità ġejja mill-ilma tat-tindif li ma tħalliex jinxef biżżejjed, l-attriċi naqset ukoll għax ma għarfitx timxi kif riedet is-sitwazzjoni partikolari. F'kull każ, kienet l-attriċi li suppost tifhem fil-prodotti li tmexxi, u kienet l-attriċi li kellha tkun taf xi prodott kien meħtieġ għall-kwalità tal-art tal-*garage* jew li kellha tkun taf l-art kinitx nixfet biżżejjed wara l-ħasil biex jitqiegħed il-kisi.

"Ladarba għalhekk l-attriċi ma għamlitx xogħol sew u l-konvenuta ma nqdietx, l-attriċi ma jistħoqqilhiex ħlas."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Gunju 2009, u filwaqt li tilqa' t-talbiet taghha, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` intimata appellata."

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti tas-26 ta' Gunju 2009, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta f'din il-kawza li s-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta tikrilha art ta' *garage* bi *floor coating*, li hija forma ta' resina mahsuba biex l-art tkun tidher lixxa u tkun tista' titnaddaf aktar facilment. Dak li sehh waqt dan ix-xoghol mis-socjeta` konvenuta, jinsab deskritt fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti riprodotta f'din is-

sentenza. Fi ftit kliem, gara li din ir-resina, wara li tqieghdet, bdiet tintefah f'xi partijiet u tinqasam.

L-ewwel Qorti, wara li hatret perit tekniku biex jassistiha fl-indagini taghha, sabet li x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha, u cahdet it-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas relattiv.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza u fi ftit kliem targumenta li x-xoghol irrizulta hazin mhux ghax sar xi haga hazina minnha, izda minhabba difetti fil-kostruzzjoni tal-*garage*.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ghamlet analizi tajba tal-fatti tal-kaz u ta' dak li seta' wassal ghar-rizultati xejn tajbin fit-tqeghid tar-resin. Sabet, flimkien mal-perit tekniku, li l-kawza principali tal-hsara setghet kienet il-presenza ta' ilma taht l-art tal-konkos tal-*garage*; dan qabel ma sar il-*coating,* kien jippermeja minn gol-art tal-konkos u jahrab jew jisfoga bhala *water vapour*, izda l-applikazzjoni tal-*floor coating* ikkrejat saff impermejabbli li ma ppermettiex svog tal-ilma, bir-rizultat li nholoq element ta' pressjoni tal-ilma taht il-wicc tal-art li eventwalment wassal ghall-qlugh f'partijiet tal-istess *coating*. Qalet ukoll li setghet kienet gejja mill-ilma tat-tindif li ma thallix jinxef bizejjed. F'kull kaz ir-responsabbilita` kienet tal-appaltatur li ma wettaqx ix-xoghol sewwa.

Is-socjeta` attrici tghid li hi mhux responsabbli ghal dan ghax ma kienitx taf bl-ilma li kien hemm taht l-art. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, ghax kien dmir taghha li tinvestiga u tassigura ruhha li l-art fejn kien ser jsir il-*coating* kienet adatta ghal dik il-kisja. Is-socjeta` attrici tghid li hi hadet kejl tal-umdita` tal-wicc tal-art, izda *ex admissis* ma haditx *core samples* tal-istess art biex tassigura li x-xoghol li kienet se taghmel kien jaghti rizultat utili lill-klijent. Min iwettaq bicca xoghol li ghaliha jkun gie inkarigat ghandu obbligu jaghti rizultat tajjeb u ta' vantagg ghall-klijent, u jekk jonqos li jaghti dan ir-rizultat, huwa jkun responsabbli ghad-danni, u la jista' jwahhal fl-ghodda, la fil-materjal li juza', la fl-intromessjoni tal-klijent

u lanqas fl-istat jew il-kundizzjoni tax-xoghol preparatorju li fuqu jkun irid iwettaq ix-xoghol tieghu. L-appaltatur ghandu obbligu li jwettaq xoghol li jaghti rizultat konformi mal-htigijiet tal-klijent, u ghandu jirrifjuta jwettaq xoghol li jaf jew li messu kien jaf, mhux se jaghti rizultat utili.

Fil-kawza **Grima et v. Grech**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010, intqal dwar l-obbligi ta' appaltatur illi:

*"…l-obbligu li jaghti xoghol tajjeb kien jimponi fuqu l-obbligu li huwa jikkontrolla sew ix-xoghol li jkun qed jaghmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaci 'l quddiem jikkompromettu l-opra tieghu u, okkorrendo, jaghmel ix-xoghol rettifikatorju opportun."*

Aktar preciz, u b'referenza ghall-gurisprudenza anterjuri, l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Francis Busuttil & Sons Ltd v. Apap et**, deciza fl-4 ta' Novembru 2010, ghamlet din l-osservazzjoni dwar il-htiega li appaltatur jirregola x-xoghol tieghu skont dak li jsib. Il-Qorti osservat illi anke jekk isib xoghol hazin irid jew jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol li hu gie inkarigat li jaghmel, jew jirranga hu s-sitwazzjoni biex jaghti rizultat utili ghal kommittent. Intqal a propositu:

*"Illi l-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal, mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat."*

Il-principji ta' dritt li jirregolaw il-kondotta ta' appaltatur gew ukoll sintesizzati minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Darmanin v. Agius**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, fejn intqal hekk:

*“Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. “L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (***Kollez Vol XXVII pI p373***). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (***Kollez Vol XL pI p485***).*

*“It-tieni principju jghid illi “l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina” (***Kollez. Vol XXXVII pIII p883***). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu ’l quddiem” (***Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (***Kollez. Vol XLI pI p667***) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.”*

Is-socjeta` attrici, f’dan il-kaz, li suppost hija esperta fil-qasam, ma ndunatx x’tip ta’ art kienet dik li giet mitluba tiksi, u dan peress li ghamlet biss testijiet superficjali tal-art, bir-rizultat li applikat sistema hazina ghat-tip t’art tal-*garage* inkwistjoni. Appaltatur m’ghandux iwettaq xoghol fuq dak li jsib minghajr ma jivverifika li dak li hemm jiflah jew hu adatt ghax-xoghol li jrid iwettaq hu. Appaltatur li jidhol ghal bicca xoghol irid jaghti rizultat utili, u ma jistax wara iwahhal fl-istat tal-haga li fuqha ried iwettaq ix-xoghol tieghu.

Is-socjeta` attrici ghamlet hazin, f’dan il-kaz, li <u>assumiet</u> li l-konkos kellu sistema ta’ drenagg tal-ilma. Jista’ jkun li, hafna drabi, jkun desiderabbli li hekk issir, cioe`, li ssir sistema ta’ drenagg tal-ilma, pero`, mhux eskluz li, anke ghar-ragunijiet teknici, din is-sistema ma ssirx, u kien dmir taghha, allura li tivverifika. Bniedem tas-sengha, li jaf il-konsegwenzi ta’ decizjoni li jigi applikat materjal mhux

idoneju, ma ghandux jiehu decizjoni fuq mera assunzjoni. Appaltatur li jrid jaqdi d-doveri tieghu skont l-arti u s-sengha ghandu jivverifika l-istat ta' fatt li fuqu se jahdem, u dan anke qabel ma jaghzel il-materjal, ghax kif gie osservat, hu jrid jiggarantixxi mhux biss il-bonta` tax-xoghol tieghu, izda wkoll il-bonta` tal-materjal adoperat (ara **Mallia v. Mizzi**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2003). Is-socjeta` attrici falliet fl-*assessment* taghha tan-natura tal-art inkwistjoni u x'materjal kien idoneju f'dan il-kaz, kompitu li kien jispetta lilha bhala l-parti inkarigata biex twettaq ix-xoghol. Ir-rizultat huwa li x-xoghol sar hazin u jrid jinqala kompletament u jerga' jsir b'materjal addattat ghall-art inkwistjoni. Is-socjeta` attrici ma tistax, ghalhekk, titlob hlas ghax-xoghol hazin li wettqet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Coleiro Yacht Finishes Limited billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------